**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR46/VIII/2023**

**It-Tnejn, 31 ta' Lulju, 2023.**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 31 ta' Lulju 2023, fil-17:00.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Marcel Tabone – Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili– Kunsillier
Is-Sinjorina Maria Portelli – Kunsillier

**Skużat:**
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier

Uffiċjal Preżenti
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**46.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fil-17:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**46.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-membru Debrincat.

**46.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

45.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 45 ġiet iċċirkulata minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

46.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

46.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet u l-minuti ġew approvati.

**46.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

46.4.1 Dwar l-applikazzjoni biex issir *bring in site* ġdida fi Triq Salvator Psaila, is-Sindku għarraf lill-membri li ħareġ il-permess tal-Awtorita' tal-Artijiet u qed jintalbu l-*clearance* ta' Transport Malta u tas-Sovrintendenza għall-Wirt Kulturali.

46.4.2 Is-Sindku għarraf lil membri li irċieva korrispondenza minn Nichelino fejn il-Kunsill intalab sabiex jippartеċipa fl-attivitajiet li ser ikollhom fl-aħħar ta' Settembru. Il-membri qablu li l-Kunsill jippartеċipa. Qablu wkoll li ssir laqgħa tas-sotto-kumitat tal-ġemellaġġ biex isiru l-preparamenti neċessarji.

46.4.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġiet sottomessa l-applikazzjoni tal-'Crime Prevention Scheme 2023' sabiex isiru *CCTV cameras* f'postijiet li ġew suġġeriti mill-Pulizija. Il-Kunsill qed jistenna l-parir tal-Avukat jekk dawn humiex legali li jsiru f'postijiet pubbliċi.

46.4.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqa mal-Gwardjan il-ġdid tal-kunvent tal-Kapuċċini. Ġew diskussi dawn il-punti:-

(i) li jinżebaħ il-ħajt ta' ma' Triq il-Kapuċċini. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li sar rapport biex dan ix-xogħol isir minn naħa tal-ħaddiema tal-Gvern Ċentrali;

(ii) jinżebħu l-fanali ta' fuq iz-zuntier. Dawn inżebħu mill-ħaddiema tal-Kunsill;

(iii) jitnaddaf iz-zuntier. Ser jintbagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill;

(iv) jitranġaw il-qsari li hemm fuq iz-zuntier qabel il-festa;

(v) il-Kunsill jerġa jibagħat lill-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex l-aħħar triq fi Triq Wied is-Seqer, eżatt qabel tibda Triq Sagħtar, tissemma Triq Fra Baskal Farrugia;

(vi) il-Kunsill jara hemmx xi fondi jew skemi li jkunu japplikaw għat-tranġar taz-zuntier peress li fih il-ħsara.

Il-membri qablu ma dawn il-punti.

**46.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

46.5.1 l-Assoċjazzjoni għal Kunsilli Lokali rigward Cir AKL 2023/070 – *Eurpean Mobility Week* 2023,

46.5.2 l-ERA fejn inħareġ il-permess biex jinżabbru s-siġar tal-parkeġġ ta' wara l-*Bus Terminus*. Wara li jgħaddi s-sajf, il-Kunsill għandu jitlob lit-Taqsima tal-Agrikultura sabiex isir iż-żbir;

46.5.3 it-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar rigward Appell 00199/23, PA/07425/22 – *proposed tables and charis, Neolitik Kitchen and Lounge*, 14, Triq is-Suq;

46.5.4 is-Segretarju Eżekuttiv li resqet talba skont PSMC 3.1.9. L-akkumulu ta' 104 siegħa *leave* ġie approvat li jiġi mgħoddi għas-sena 2024. Dan jiġi approvat ukoll mid-Direttur fid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali;

46.5.5 Grech & Grech fejn intbagħtet korrispondenza oħra għan-nom tal-konjugi Bartoli fir-rigward ta' lment fuq pajp tal-ilma u bankina li saret maġenb il-propjeta' tagħhom fi Triq Vajrinġa. Din il-bankina ma saritx minn naħa tal-Kunsill u l-Kunsill ser jirrispondi permezz tal-avukat;

46.5.6 resident li lmenta fir-rigward tal-problema tal-ilqugħ tal-ilma tax-xita qabel jilħaq Triq it-Tabib Anton Tabone. Il-membri qablu li dan l-ilment jerġa jitressaq quddiem id-Diviżjoni Strateġija u Sapport fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex;

46.5.7 sid ta' bini ġdid fi Triq it-8 ta' Diċembru li talab li ssir bankina ġdida. Ser issir talba biex din il-bankina ssir minn naħa tal-Gvern Ċentrali;

46.5.8 residenti minn Triq il-Madonna tal-Karmnu li lmentaw li saret ħorġa ta' bir ornamentali fit-triq li qed tostakola.

46.5.9 Il-membri ġew mgħarrfa li l-kuntratt tat-tindif tat-toroq jagħlaq fl-aħħar ta' Settembru 2023. Ser tinħareġ sejħa għall-offerti.

46.5.10 Il-membru Buttiġieġ issuġġerixxa li jiġi nominat Charlie Żammit biex jieħu l-Onofiriċenza 'Ġieħ il-Belt Victoria'. Peress li l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali ser issir fit-8 ta'Ġunju 2024 u din id-data hi qrib Jum il-Belt Victoria, il-membri qablu li nominazzjonijiet li jmiss għal 'Ġieħ ir-Rabat' m'għandhomx isiru issa.

---

Il-membru Buttiġieġ ħareġ mil-laqgħa.

---

**46.6 CCTVs taċ-Ċawla H.E.**

46.6.1 Ser issir laqgħa fuq il-post mal-kuntrattur li poġġa l-*cameras* sabiex jiġi deċiż x'baqa x'isir.

---

Daħlet il-membru Portelli għall-laqgħa.

---

**46.7 Proġett tad-dawl taċ-ċentru tar-Rabat**

46.7.1 Il-Kunsill qed jistenna l-parir tal-Avukat fuq kif għandu jimxi fuq dan il-każ.

**46.8 Immaniġjar tat-Traffiku**

Transport Malta (TM) approvat:-

46.8.1 *keep clear* quddiem l-entratura tal-garaxx ta' Borg Ent. fi Triq Sir Luigi Camilleri;

46.8.2 *double yellow lines* fil-kantunieri ta' Triq in-Neolitiċi ma Triq Aniċi.

46.8.3 Tressqet applikazzjoni għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem 14, Pjazza San Franġisk. Għandha timtela l-formola li tintbagħat minn TM.

46.8.4 Tressqet talba biex isiru *one metre yellow lines* biswit garaxx ta' 'San Ġużepp Court', fi Triq Borg Geritu. Il-membri qablu li s-sinjal isir n-naħa tal-*flats* fejn hemm il-garaxx u mhux quddiem id-dar ta' biswit. Is-sinjal isir ukoll wara li s-sidien tal-*flats* kollha ma jsibux oġġezzjoni.

46.8.5 Mill-Energy and Water Agency ġew proposti biex isiru *charging pillars* ġodda. Dawn fit-toroq Taħt Putirjal, Ġorġ Borg Olivier fil-parkeġġ, Ninu Cremona u fi Pjazza J.F. Kennedy. Il-membri qablu.

46.8.6 Is-Sindku propona li ssir pjanta li turi t-*traffic management* fi Triq Sir Luigi Camilleri. Dan peress li f'din it-triq sar ix-xogħol tal-Korporazzoni għas-Servizzi tal-Ilma u ngħatat it-tarmac. Il-membri qablu. Qablu wkoll li jintalab il-permess biex din it-triq tiġi *one way* 'il fuq. Il-vetturi ma jidħlux minn Trejqet l-Exchange.

46.8.7 Rigward *traffic management* għal Triq id-Dawwara li hi arterja, minn naħa tal-*Projects Unit, Srategy & Support Division* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, ġie suġġerit li l-Kunsill jiltaqa' mar-residenti sabiex jara l-veduti tagħhom. Il-Kunsill diġa' għadda l-proposti kollha li għandhom jiġu nklużi fit-*traffic management plan* lill-*Projects Unit*.

46.8.8 TM infurmat lill-Kunsilli Lokali li l-iskema GO TO qed tkun temporanjament sospiża u għandhom jitneħħew il-parkeġġi li kienu riservati għal din l-iskema.

**46.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

46.9.1 Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Awwissu 2023 skond dokument A anness.

46.9.2 Tressqet iċ-ċertifikazzjoni tal-Perit fir-rigward tar-restawr ta' San Ġorġ tal-Ħaġar. Dan ġie approvat għal-ħlas.

**46.10 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

46.10.1 jerġa jiġi organizzat il-*Junior Science Club* bil-kollaborazzjoni tad-*Directorate for Learning & Assessment Programmes* b'żewġ klassijiet ta' tfal b'etajiet differenti. Dan ikun nhar ta' Tlieta. Minn naħa tad-Direttorat intalab sabiex il-Kunsill jikkunsidra li dawn il-klassijiet ma jsirux fis-sala tal-Kunsill iżda jsiru fl-iskola sekondarja fi Triq l-Ewropa. Dan biex il-parkeġġ ikun iktar faċli. Il-membri qablu li l-*Junior Science Club* għandu jsir fil-bini tal-Kunsill kif dejjem sar. Il-membru Ħili qal li kien jippreferi li jkun f'post fejn hu aktar faċli li tipparkja.

46.10.2 jiġu rrappurtati l-muturi li qed jipparkjaw fuq il-bankini fi Triq Repubblika. Dawn qed joħolqu ostaklu;

46.10.3 jittieħed il-parir tal-Perit peress li fi Pjazza Indipendenza tpoġġa siment minn terzi sabiex il-gandott minn fejn jgħaddi l-ilma tax-xita jiġi livell mat-triq. Il-Perit għandu jara jekk l-ilma kellux minn fejn jgħaddi;

46.10.4 jiġi organizzat kors fis-sajf tal-bini tal-presepji. Dan isir b'kollabrazzjoni mal-Għaqda Ħbieb tal-Presepji Għawdex – Malta 1985. Il-kors isir fil-kunvent tal-Kapuċċini u m'għandiex tinqabeż is-somma ta' €500;

46.10.5 jipparteċipa fl-organizzazzjoni ta' kamp tat-*training* għat-tim S.K. Victoria Wanderers barra minn xtutna;

46.10.6 jiġi organizzat il-Victoria International Arts Festival. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €800 f'loġistika;

46.10.7 jinxtraw trofej għat-tiġrijiet taż-żwiemel.

46.10.8 Ġew approvati l-minuti tal-laqgħa tal-lokalita ta' din is-sena. Dawn skont dokument B anness.

**46.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7:30 ta' filgħaxija u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, il-Ħamis, 31 ta' Awwissu, 2023.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |